# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Frar 2016**

**Numru**

**Rikors Numru 7/16 MCH**

**Edward Cassar**

**v.**

**(1) L-Avukat Generali u**
**(2) Direttur Qrati uTribunali Kriminali**
**(3) Registratur Qrati u Tribunali Kriminali**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrent minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija fit-2 ta' Frar 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent: li jigi dikjarat li dan ma kellux smigh xieraq a tenur

tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja [Kap.319] fil-proceduri istitwiti minnu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza nru.230/2015 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Cassar Edward*; li jigi dikjarat lid-digriet moghti fis-6 ta' Jannar 2016 li permezz tieghu l-appell tar-rikorrent moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali huwa null ghax huwa vjolattiv tal-artikoli precitati u konsegwentement li l-Qorti taghti r-rimedji kollha opportuni.

**Il-Mertu**

2. Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2016 quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent ma kienx deher ghax skont hu, qatt ma kien gie notifikat bl-avviz tas-smigh skont il-ligi, bir-rizultat li l-appell tieghu kien gie dikjarat dezert. Fit-13 tal-istess xahar meta l-marixxalli tal-Qorti marru biex jezegwixxu s-sentenza huwa ikkomunika mal-avukati tieghu li min-naha taghhom prezentaw rikors ghan-nom tieghu fejn talbu li l-appell tar-rikorrent jerga' jigi mqieghed fuq il-lista tal-kawzi appuntati ghas-smigh, izda din it-talba giet michuda minn dik il-Qorti peress li kien skada t-terminu ta' erbat ijiem stipulat mil-ligi.

3. Fil-proceduri odjerni r-rikorrent isostni li hu qatt ma gie notifikat bl-avviz tas-smigh tal-appell u dan, minkejja li fl-atti tal-proceduri kriminali r-riferta relattiva maghmula mill-Marixxall Sandra Grech kienet turi li fis-

6 ta' Ottubru 2015 dan kien gie notifikat personalment fl-indirizz indikat fl-istess avviz, jigifieri "Pezul Lodge" Il-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar.[1] li tigi r-residenza tar-rikorrent.

4. Min-naha taghha l-imsemmija marixxall issostni li, ladarba fuq ir-riferta relattivi hija kitbet li innotifikat lir-rikorrent personalment, allura bilfors dan kien hekk. Hija gharfet "il-prezenza" tieghu fl-Awla waqt is-smigh tal-proceduri odjerni, izda ma setghetx tghid mija fil-mija li r-rikorrent huwa l-istess persuna li laqa' n-notifika. Fuq ktieb li zzomm il-marixxall, fejn tnizzel l-informazzjoni dwar in-notifiki li tkun ghamlet, din nizzlet l-isem tar-rikorrent u l-ittra "P" li tindika li r-riferta kienet pozittiva u n-numri tal-mobile tieghu u tal-*landline* tar-residenza tieghu.

5. Il-Marixxall Raymond Schembri li akkompanja lill-Marixxall Grech u li kien is-sewwieq tal-karrozza uzata mill-marixxalli baqa' fil-vettura u, ghalkemm jghid li seta' jara lill-kollega tieghu tkellem ragel, xehed li kien baqa' fil-karozza.

**L-Appell**

6. Ir-rikorrent qed jibbaza l-appell tieghu fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li, skont hu, wassluha

[1] Fol. 7

ghall-konkluzjoni erroneja f'dan il-kaz. Huwa jibqa' jsostni li ma kienx minnu li hu kien gie notifikat bl-avviz tas-smigh u ghalhekk mhuwiex minnu li l-marixxall innotifikatu personalment.

7. Ghar-ragunijiet esposti fir-rikors tal-appell prezentat minnu fil-5 ta' Frar 2015, ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, tilqa' t-talbiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess intimati.

8. Min-naha tieghu l-Avukat Generali ipprezenta risposta fit-12 ta' Frar 2015, filwaqt li l-intimati l-ohra ipprezentaw risposta fil-15 tal-istess xahar. Fir-risposta taghhom, l-intimati qed jitolbu li, ghar-ragunijiet indikati minnhom fir-risposti taghhom, din il-Qorti tichad l-appell tar-rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

## Is-Sentenza Appellata

9. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Bhala punt ta' ligi, ma hemmx hafna x'jinghad fuq id-dritt ta' smigh xieraq f'dawn ic-cirkostanzi. L-artikolu 6(1) jishaq fuq 'fair and public hearing' u l-artikolu 6(3) jinkorpora drittijiet ta' opportunita xierqa ta' difiza ghall-imputat. Huwa indubitat illi r-rikorrenti li pprezenta appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kellu d-dritt li jigi notifikat bid-data tas-smigh tal-appell tieghu. Del resto dan hu dritt moghti bil-ligi stess li minnha jiskaturaw obbligi da parti tal-appellant li bhal f'dan il-kaz jistghu isarrfu f'konsegwenzi fatali ghad-difiza tieghu f'kaz tan-nuqqas tieghu li jidher quddiem il-Qorti fid-data u hin li bihom ikun gie notifikat. L-

artikolu 6 tal-Kap. 319 u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jipprovdux ghal dritt ta' appell wisq anqas ghal dritt ta' notifika, izda jekk dan il-jedd qed jinghata bil-ligi inkluz l-obbligu li ssir in-notifika tal-avviz tas-smigh, f'dan il-kaz anki lil appellant innifsu, kull nuqqas li ghalih ma jistax jinstab htija jew nuqqas fl-appellant ghandu jittiehed bhala cahda ta' dritt u garanzija li jiffefendi ruhu kif imiss skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Wara kollox l-artikoli in kwistjoni ma jipprovdux espressament ghal smigh fil-prezenza tal-akkuzat pero hu meqjus li hu parti intrinsiku mill-jedd ghal smigh xieraq (ara **Colozza vs Italia 1985**). Hemm limitazzjonijiet ghal dan il-jedd li pero mhux rilevanti ghal finijiet tal-elementi cirkostanzjali ta' din il-vertenza u l-Qorti mhix ser tidhol fihom. Stabbilit l-obbligu tan-notifika da parti tal-awtoritajiet gudizjarji u l-konsegwenti l-jedd tar-rikorrenti li ghandu jigi notifikat biex ikun jista jidher quddiem il-Qorti biex jinstema' l-appell tieghu fil-prezenza tieghu u li fin-nuqqas ikun qed jigi michud lilu d-dritt li jinstema' fil-gurnata u hin appuntati, trid issa issir l-prova jekk dan il-jedd giex michud lilu. Din hi kwistjoni ta' fatt, ghalkemm wahda li fic-cirkostanzi tista' tkun spinuza u difficli meqjusa l-fatti pruvati.

"Jibda biex jinghad li f'dan l-istadju l-kwistjoni fattwali dwar l-oneru tal-prova hi wahda ta' indoli civili essendo din hi kawza fil-Qorti Civili ghalkemm dwar allegat ksur ta' jedd moghti bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem.
Il-prova li trid issir mill-parti li tallega fatt necessarjament tinkombi lilha ghax il-gudikant irid jigi konvint fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilita li l-fatt hu pruvat kif allegat.

"In oltre kif intqal fil-kawza **Interior Finishes Supplies Ltd vs Ian Tabone** (App Inf 08/06/2005):

"Irid jinghad ukoll illi mhuwiex insolitu li tribunal jew qorti jsibu ruhhom rinfaccjati b'zewg versjonijiet, anke dijametrikalment opposti, pero` kif jinsab osservat "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' 'in dubio pro reo'" (Vol. L P II p 440), ossija, l-applikazzjoni tal-massima 'actore non probante reus absolvitur'. Dik il-qorti jew tribunal ghandhom ifittxu, jezaminaw u jisiltu mill-provi dak is-sostenn u dik ic-certezza morali li taghmel il-versjoni l-wahda aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Dan anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi hekk generalment meqjus bhala sufficcjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Huwa biss fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-versjonijiet huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli illi allura ma jibqax lecitu li l-gudikant jifforma opinjoni motivata fuq probabilitajiet u l-preponderanza. Ara "Joseph Vicent Rausi -vs- Joseph Muscat", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1992;

"B'zieda ma' dan intqal fil-kawza **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et** (PA 28/04/2004):

"Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju mhwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli. Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijamentrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni.

"Il-kawza quddiem din il-Qorti tirrigwarda riferta ta' ufficjal tal-Qorti li qed tigi attakkata.

"Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc** (App Inf 28/03/2007) li bhala punt ta' principju din il-Qorti tqisha marbuta. Din is-sentenza tghid hekk:

"In-notifika f'idejn min hu indikat li jiricevi l-posta f'dawk ic-cirkustanzi hi, f'konkorrenza ma' dawk l-ohra superjorment indikati, wahda mill-modi li permezz tieghu n-notifika tista' tigi kompjuta. Tali notifika tippostula dik il-volonta inekwivoka li d-destinatarju ried li l-posta tintbaghat fil-lok iddezinjat minnu bil-konsegwenza li din tekwivali ghan-notifikazzjoni validament ezegwita. B'dan il-mod l-Artikolu 187 (1) precitat johloq il-presunzjoni iuris tantum illi n-notifikand hu xjenti mill-att ta' l-avviz notifikat lilu ghall-instawrar tar-rapport processwali. Dan igib li jinkombi fuq id-destinatarju ta' l-att l-oneru li jipprova li hu ma rceviex l-att. Jinsab ritenut, in fatti, fis-sentenza fl-ismijiet "Alessandro Delhin -vs- Antonio Darmanin et", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Novembru 1927 illi "atteso che, per quanto sia vero in diritto essere ammissibile la presunzione 'omnia rite et recte facta esse' e doversi aggiustar fede agli ufficiali in cio che si attiene alla esplicazione del proprio ufficio, tali presunzioni pero, esendo della specie della 'juris tantum', possono combattersi colla prova contraria e, per restare in argomento di riferta di usciere, senza la necessita` di querela di falso". Tali prova kuntrarja tista' tigi dezunta minn kwalsiasi fonti ta' konvinciment.

"Trasportat il-principju ghal kaz prezenti jirrizulta illi n-notifika tas-smigh tal-appell sar mill-marixxall tal-Qorti Sandra Grech li kienet akkumpanjata minn marixxall iehor Raymond Schembri. Ir-riferta fuq wara tal-avviz tas-smigh bil-kitba ta' Sandra Grech juri illi l-avviz inghata lir-rikorrenti personalment fis-6 ta' Ottubru 2015. Hi spjegat li marret f'villa jew farmhouse fil-Wardija u spjegat ukoll li kien hemm rixtellu tal-hadid li jinfetah minn gewwa. Id-drive-in kellu fetha u mbaghad jikser f'liwja twila u ltaqghet ma' ragel xi hmistax-il pass il-gewwa. Ikkonsenjatlu l-avviz u kitbet li taghtu lir-rikorrenti ghax ikun qalilha hekk. Altrimenti kieku tat id-dokument lil haddiehor kienet tnizzel lil min taghtu. Ziedet pero illi hi jkollha mijiet ta' notifiki u ghalkemm taf li kkunsenjat id-dokument lil ragel ma setghetx taghraf b'certezza jekk kienx ir-rikorrenti ghalkemm il-persuna li nnotifikat ma kienx ta' eta zghira. In oltre ziedet li r-riferti ma jinhadmux dak il-hin (f'dan il-kaz jirrizulta li saret l-ghada) pero ghandha notebook fejn tikteb dak il-hin x'ikun sehh. Ziedet li dan in-notament market SG1 fl-atti juru li n-notifika saret u anki nghatat in-numru tat-telephone u mobile tal-

persuna biex f'kaz ta' differiment tal-kawza javzawh ma jitilghax il-Qorti. Qalet li l-persuna li lilha jigi konsenjat id-dokument ma jiffirmax ghalih u anqas jittiehed il-karta tal-identita tieghu. Ilha f'dan ix-xoghol xi disa' snin. Din kienet l-ewwel notifika taghha li saret f'dik ir-residenza.

"Il-marixxall l-iehor Raymond Schembri li kien qed isuq il-vettura tal-marixxalli waqqaf lil marixxall l-ohra li kkonsenjat in-notifika quddiem il-grada fejn kellha ssir in-notifika. Hu ma harigx mill-karrozza izda dawwar. Hu seta' jinnota lil marixxall l-ohra li kienet dahlet il-gewwa mill-grada u kkonsenjat l-avviz lil ragel li ma kienx ta' eta zghira. Ma setghax jikkonferma li kien r-rikorrenti. Ma kienx cert pero fejn ezatt saret in-notifika jekk hux gewwa jew barra l-grada li minnha tidhol ghad-drive-in. Zied ukoll illi jitnizzel notament tar-riferta fuq ktieb ghal rasu li jinghata lid-Direttur Qrati Kriminali li fih jitnizzlu r-riferti pozittivi ghal skopijiet ta' hlas dovut lil marixxall. Hekk sehh f'dan il-kaz kif jidher mill-estratt esebit u maghmul mill-istess xhud.

"Ir-rikorrenti jinsisti li qatt ma gie notifikat bl-avviz tas-smigh. Jahseb li kien Malta fiz-zmien li saret l-allegata notifika u ma jeskludix anqas li seta' kien id-dar. Mieghu tghix biss carer. Qal li kif tidhol mill-gate principali wara li jifthulu minn gewwa hemm kisra qawwija u mbaghad xi 120 metru biex tasal ghar-residenza, li ma tidhirx minn barra minhabba l-kisra. Hu nnega li qatt ra liz-zewg marixxalli jew li qatt ikkonsenjawlu d-dokument tal-avviz tas-smigh. Zied li mindu li nqatghet il-kawza fil-Qorti tal-Magistrati hu ccekja xi darba mal-avukat jekk l-appell kienx appuntat pero irrispondewh fin-negattiv. Fil-fratemp pero l-avukat tieghu kellu problemi serji fil-familja tieghu u qaghad lura milli jerga' jsaqsih. Ma kienx jaf minn ebda sors iehor li l-appell kien gie appuntat ghas-6 ta' Jannar 2016. Hu cert li ma rceviex l-avviz u nesa. Spjega li jzomm notamenti ta' dak li jkun rceva u jwahhalhom fejn jarahom.

"Ir-rikorrent ukoll pprezenta affidavit tal-helper Ramona Camilleri u l-carer Bernardette Espartero li spjegaw li meta jigi ricevut xi haga mill-Qorti, ir-rikorrent dejjem ighidilhom jaghmlu scan u jibaghtuha lil avukat. Huma jinnegaw li accettaw xi notifika tal-avviz tas-smigh in kwistjoni.
Il-Qorti hasset il-htiega li tikkonduci access wara li ntemmet ix-xiehda biex tikkostata da visu l-lok fejn saret in-notifika u tkun f'pozizzjoni ahjar li tqabbel dak li rat max-xhieda moghtija.

"**Kostatazzjonijiet tal-Qorti**

"Wara li l-Qorti rriflettiet fuq il-provi prodotti bhala stat ta' fatt ma tistax tasal ghal konkluzzjoni illi r-rikorrent gheleb il-prezunzjoni tal-ligi dwar dak li jirrizulta mill-att ta' notifika, att li hu dokument ufficjali mahrug minn ufficjal tal-Qorti li bil-gurament tal-hatra obbligat jaqdi dmiru b'diligenza, serjeta u responsabilta kbira tenut kont tal-konsegwenzi li jiskattaw min-notifika.

"Lil Qorti rrizultala illi l-marixxalli anke waqt l-access ikkonfermaw li l-post fejn saret in-notifika hu l-post li fih sar l-access. Huma baqghu jsostnu li n-notifika saret f'idejn ragel mhux ta' eta zghira li accetta n-notifika u ddikjara ruhu bhala r-rikorrent. Kontra din ix-xhieda li allura tikreja prezunzjoni favur in-notifika valida, hemm ix-xhieda tar-rikorrenti li jichad li ma gie notifikat. Pero la darba l-allegazzjoni qed issir minnu jrid bi provi jikkonvinci lil Qorti li fuq bilanc ta' probabbilita n-notifika ma kinitx valida. Din il-prova fil-fehma tal-Qorti ma saritx. Ir-rikorrenti ma jichadx li fid-data tan-notifika kien f'Malta u anki seta kien fir-residenza fejn saret in-notifika cioe Pezul Lodge, Triq il-Wardija, San Pawl il-Bahar. Ir-rikorrent stess jixhed illi hu l-uniku ragel li jghix f'dik ir-residenza u illi mieghu ghandu helper u carer, it-tnejn nisa. L-affidavits taghhom fil-fehma tal-Qorti ma jbiddlu xejn mill-piz tal-prova li tinkombi fuq ir-rikorrent billi huma nisa u l-marixall iddikjarat li l-att gudizjarju gie konsenjat lil ragel mhux mara. Daqstant iehor mhux ta' solliev ghar-rikorrent li solitament kull att li jircievi jibghatu lil avukat u jzomm kopja. Dan jista' jkun kollu minnu pero ma jbiddel xejn mill-fatt li att ufficjali tal-Qorti hu prova ta' dak li fih. Il-prezunzjoni tingheleb biss b'fatti cari u inkonfutabbli li sar zball. Il-Qorti taghmilha cara li ma hi qed titfa ebda dell jew nuqqas ta' buona fede f'ebda parti jew xhud prodott. Izda l-Qorti trid tiddeciedi fuq il-fatti in piena konformita mal-ligi u f'dan il-kaz, kif intqal fil-kawza citata aktar il-fuq il-prezunzjoni juris tantem li harget mill-provi ma gietx meghluba b'mod konvincenti. Hu minnu kif issottometta r-rikorrent illi l-marixxalli tal-Qorti ma gharfux lir-rikorrenti u aktar gharfu l-lok tan-notifika u din tikkreja dubju, pero fil-fehma tal-Qorti hi plawsibbli ix-xiehda tal-marixxalli illi mhux ser jiftakru l-ucuh kollha li fil-mijiet ta' notifiki li jsiru specjalment bhal f'dan il-kaz, meta stqarru li x'aktarx kienet l-ewwel darba li ghamlu notifika f'dak l-indirizz. In oltre ma hemm xejn stramb li persuna tiftakar xi haga mhux komuni bhal f'dan il-kaz il-kobor u sbuhija tar-residenza.

"Il-Qorti, specjalment waqt l-access ikkonstatat li d-deskrizzjoni tal-marixxall Grech dwar l-ambjent li dahlet fih jikkombacja max-xhieda taghha. In oltre, certu fatti bhal garage u d-deskrizzjoni tal-bieb principali tar-residenza ma setghatx tkun tafhom kieku ma dahlitx sew fil-fetha tad-drive-in tal-proprjeta in kwistjoni billi minn barra l-grada ma jidher kwazi xejn mill-proprjeta hlief il-fetha fejn saret il-kunsenja tal-att tal-Qorti.

"Ghalkemm hemm xi inkonsistenzi fix-xhieda tal-marixxalli specjalment fejn ezatt iltaqghu mar-rikorrent cioe f'liema parti tar-residenza, jekk kienx fl-ewwel parti tad-drive-in cioe fil-fetha jew il-barra fejn il-gate, il-Qorti tqis tali inkonsistenzi bhala ragonevoli mehud it-trapass taz-zmien bejn in-notifika u d-data li xehdu. In oltre jrid jigi ravvizat illi l-marixxalli ma kienux jafu minn qabel bid-diffikulta li ser tinsorgi u li kien ser ikollhom jixhdu fuq din in-notifika. Hu minnu illi ma jittiehed ebda numru ta' karta ta' identita jew li d-destinarju jiffirma ghal konsenja izda ma hemmx obbligu li jsir hekk. Di piu n-numri tat-telephone u mobile li l-marixxall Sandra Grech qalet li nghatat mir-rikorrent ma gewx michuda mill-istess rikorrent li mhux tieghu.

> "Il-Qorti tqis illi l-marixxall ma ghandhom u ma gie ppruvat ebda interess apparent jew fatti li juru intenzjoni ulterjuri f'dan il-kaz ghaliex ghandhom jiddikjaraw esplicitament f'riferta li gie notifikat il-persuna li lilha kien indirizzat l-att jekk ma sehhx hekk. Ir-riferta hi wahda pubblika u ghalhekk miftuha ghal skrutinju shih. Ir-responsabilta kbira tal-marixxalli f'dawn il-kazijiet fil-fehma tal-Qorti hi wahda li l-istess marixxalli huma konxji taghha u biex riferta tigi dikjarata zbaljata fuq semplici dikjarazzjoni ta' parti minghajr prova cara li sehh zball tkun qed tmur kontra l-prezunzjoni li dokument ufficjali hu prova ta' dak kontenut u li sar bi piena konoxxenza tal-importanza tieghu.
>
> "Fl-ahharnett irid jinghad li s-sottomissjoni tal-Avukat Generali li r-rikorrenti kellu rimedju ordinarju biex iwaqqa' n-notifika ma treggiex f'dan il-kaz kemm minhabba l-urgenza u l-fatt innifsu illi jedd fondamentali kien qed jigi invokat.
>
> "Daqstant iehor ma jistax jinghad li r-rikorrent kellu obbligu jsegwi l-appell biex jara meta ser jigi appuntat. Dan ma johrogx mill-ligi, anzi l-ligi taghti x'tifhem li hu l-obbligu tal-awtorita gudizjarja li tavza lil partijiet bis-smigh tal-appell."

**L-Aggravju**

10. Fis-sustanza l-aggravju tar-rikorrent hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi, bir-rizultat li wassal sabiex giet krejata ingustizzja manifesta fil-konfront tieghu konsistenti fil-fatt li, ghalkemm fl-ordinament guridiku lokali huwa kellu dritt ta' appell, dan id-dritt gie negat lilu bir-rizultat li qed jiskonta piena ta' tlett xhur prigunerija imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Huwa jibbaza l-aggravju tieghu fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet.

11. Jghid li mill-provi jirrizulta li hemm dubju jekk fil-fatt hu kienx gie notifikat bl-avviz, tant li anke l-ewwel Qorti stqarret li *"Hu minnu kif*

*issottometta r-rikorrent illi l-marixxalli tal-Qorti ma ghafux lir-rikorrenti u aktar gharfu l-lok tan-notifika u din tikkreja dubju….”.* Tant dan hu minnu li l-Marixxall Grech meta fil-proceduri odjerna giet mistoqsija jekk kienitx qed tgharaf lir-rikorrent fl-awla hija tghid li tiftakar li kienet innotifikat ragel, izda ghalkemm tghid li gharfet *“l-prezenza tieghu”* ma kienitx mija fil-mija certa li kien hu; tghid li seta’ kien huh jew li kien xi hadd iehor li kien dahaq biha. Tghid ukoll li ma kienitx l-ewwel darba li kienu dahqu biha f’dan ir-rigward. Ghalhekk ir-rikorrent isostni li hemm “dubju serju” li ghandu jimmilita favur it-tezi tar-rikorrent jigifieri li mhux minnu li n-notifika kienet giet effettwata lilu.

12. Dan id-dubju jkompli jigi alimentat bid-diversi “inkonsistenzi” li hargu mix-xhieda taz-zewg marixxalli. Fir-rigward jissenjala s-segwenti konsiderazzjonijiet: li l-Marixxall Sandra Grech, ghalkemm tiftakar id-dettalji tal-post fejn skont hi kienet innotifikat lir-rikorrent, kif ukoll tiftakar li kif infethet il-grada tal-hadid ta’ barra hija dahlet gewwa u lahqet ghamlet circa hmistax-il pass qabel ma waslet ghall-grada fejn hemm l-ambjent tad-dar u ftakret b’mod car dawn l-ambjenti, lir-rikorrenti pero` ma gharfitux fil-Qorti; li l-Marixxall Raymond Schembri jindika li l-post fejn mar kien il-Bidnija mentri dan ma kienx minnu ghax ir-residenza tar-rikorrent hija gol-Wardija; li l-Marixxall Grech tghid li l-kollega taghha kien maghha l-hin kollu fiwaqt fl-istess hin tistqarr li kien baqa’ fil-karrozza, tant li l-Marixxall Schembri xehed li, meta l-kollega tieghu

kienet qed taffettwa n-notifika huwa kien qed idahhal xi haga fil-GPS tal-karrozza. Huwa jkompli jispjega hekk dwar il-fattur tal-inkonsistenza tax-xhieda taz-zewg marixxalli:

> "Izda l-ikbar inkonsistenza tirrigwardja proprju l-post fejn saret l-allegata notifika fejn, filwaqt li z-zewg marixxali jikkonfermaw li Sandra Grech hija dik li nizlet u Raymond Schembri huwa dak li baqa' gol-karozza, filwaqt li Sandra Grech tghid li dahlet gewwa d-drive-in u ghamlet madwar 15-il pass gewwa d-drive-in fejn hemm ltaqghat mal-persuna li hija nnotifikat, Raymond Schembri jistqarr bil-gurament tieghu li l-persuna li allegatament giet notifikata harget barra mill-gate u l-allegat notifika saret barra mill-gate ossia fit-triq."

13. Ir-rikorrent jssottometti li dawn l-inkonsistenzi huma tant gravi li ghandhom igibu fix-xejn l-kredibilita` taghhom dwar in-notifika tar-rikorrent. Mhux talli r-riferta, li hija dokument ufficjali, ma gietx korroborata mix-xhieda tal-marixxalli izda l-istess xhieda jitfghu dubju serju fuq il-kontenut taghha u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha taghti kredibilita` fuq min xehed "bic-certezza" bil-gurament li ma kienx gie notifikat. Konsegwenza ta' dan l-ewwel Qorti kellha taccetta t-tezi tar-rikorrenti anki fid-dawl tal-fatt li –

> "….tenut kont li n-notifika in kwistjoni kienet wahda ta' indoli kriminali, ossia notifika ta' avviz tas-smigh ta' Appell Kriminali, ma kellu jkun hemm ebda dubju li din in-notifika saret u kwalunkwe dubju fir-rigward ta' din in-notifika kellu jopera favur ir-rikorrenti appellant…. Konsegwentement kien jinkombi lill-konvenuti appellati u lill-marixxalli li jipprovaw li n-notifika saret u li ma hemmx dubju li …. saret b'mod gust u lill-persuna in kwistjoni – liema propva ma saritx…"

14. Din il-konkluzjoni tkompli tigi fortifikata bic-cahda kategorika tar-rikorrent fix-xhieda tieghu, kif ukoll bl-affidavits ta' zewg carers nisa li kienu jghixu fl-istess post u anke tal-avukati tieghu li xehedu li kopja ta' kull att gudizzjarju li kien jircevi r-rikorrent kienet tintbaghat lill-avukat tieghu. Apparti minn hekk hemm il-konsiderazzjoni li huwa kellu kull interess li jattendi ghas-smigh tal-appell maghmul minnu; ghall-kuntrarju l-marixxalli kellhom interess li jirregistraw in-notifika bhala wahda pozittiva stante li skont il-procedura dawn jithallsu biss tar-riferti pozittivi. Oltre dan, kaz ta' zball da parti tal-marixxalli jitqies bhala nuqqas da parti taghhom mill-obbligi u mir-responsabbiltajiet taghhom.

15. Fl-ahharnett ir-rikorrent jiccita kazistika tal-Qorti Ewropeja fejn f'kazijiet simili dik il-Qorti rravvizat ksur ta' dritt ta' smigh xieraq tal-applikant li dwaru kien hemm dubju serju jekk hu, bhala akkuzat, kienx notifikat jew le bid-data ta' smigh. Huwa jsemmi l-kawzi **Maksinov v. Azerbaijan** [App. 38228/05], **Metelitsa v. Russia** [33132/02], **Abbasov v. Azerbaijan** [24271/05], **Ziliberberg v. Moldova** [61821/00].

16. Min-naha tieghu l-intimat Avukat Generali ghamel is-segwenti sottomissjonijiet.

17. Ir-riferta tgawdi minn prezunzjoni ta' korrettezza tal-kontenut taghha u li l-marixxalli tal-Qorti bhala ufficjali pubblici jgawdu mill-

prezunzjoni li huma jagixxu *rite et recte*. Ghalhekk l-oneru tal-prova li l-kontenut tar-riferta jikkonstrata mar-realta` tal-fatti, jew minhabba zball tal-marixxall jew minhabba *mala fede* da parti tieghu, tirrisjedi fuq ir-rikorrent li qed jallega dan il-fatt.

18. Barra minnhekk huwa l-oneru tar-rikorrent, li qed jallega l-apprezzament zbaljat tal-provi da parti tal-ewwel Qorti, li jressaq sottomissjonijiet validi li juru li dak l-apprezzament kien affett minn zball manifest li jekk ma jigix rettifikat iwassal sabiex hu jsofri ingustizzja. Issa l-ewwel Qorti mhux biss semghet *viva voce* ix-xhieda principali u ghalhekk kellha l-beneficcju tal-iskrutinju taghhom waqt li dawn kienu fuq il-pedana tax-xhieda, izda sahansitra, wara li semghet ix-xhieda, ghamlet access fuq il-post sabiex tkun fil-pozizzjoni ahjar li tasal ghad-decizjoni korretta.

19. Jissottomettu li l-fatt li l-Marixxall Sandra Grech kienet sinciera meta fix-xhieda taghha qalet li mhijiex fil-pozizzjoni li tghid mija fil-mija li r-ragel li nnotifikat bl-avviz kien ir-rikorrenti *"ma jfissirx b'daqshekk li hija kienet incerta dwar il-kontenut tar-riferta"*. Din tghid kategorikament li hi innotifikat ragel ta' eta` mhux zghira li identifika ruhu maghha bhala Edward Cassar u li taha n-numri tat-telephones tieghu sabiex iccempillu fil-kaz li s-smigh tal-appell kien ser jigi differit, liema numri hija nizlet fuq il-librett li l-marixxall izzomm rigwardanti in-notifiki li jsiru minnha. Din il-

prova dwar in-numri tat-telephones ma gietx kontrastata. Barra minn hekk l-istess marixxall kienet preciza dwar id-deskrizzjoni tal-intern tal-fond fejn effetwat in-notifika li hu indikat fl-atti bhala r-residenza tar-rikorrent. Dan il-fatt seta' jigi konstatat anke mill-ewwel Qorti meta ghamlet l-access fuq il-post. Inoltre, irrizulta pacifiku li hu kien l-uniku ragel residenti f'dik id-dar ghax iz-zewg carers l-ohra huma nisa.

20. Dwar l-inkonsistenzi fix-xhieda tal-marixxalli sollevati mir-rikorrenti, l-intimat jssenjala l-fatt li l-marixxalli li jaffettwaw in-notifiki jkollhom numru sostanzjali ta' riferti u, ghalhekk, il-fatt li l-Marixxall Grech ma setghetx tgharaf lir-rikorrent fl-awla, huwa komprensibbli. Barra minn hekk il-fatt li hi gharfet u tat deskrizzjoni tal-ambjent fejn affettwat in-notifika ma jimminax il-kredibilita` taghha anzi jsostniha. Il-fatt li wiehed jiftakar dettal u mhux iehor ma jfissirx li b'daqshekk hemm kontradizzjoni, imma jfisser li l-marixxall li baqghet impressjonata bis-sbuhija tal-post ftakret l-ambjent li kienet dahlet fih. Ambjent li wara kollox huwa r-residenza tar-rikorrent u fejn hu huwa l-uniku ragel li jghix hemm.

21. L-intimat ikompli jishaq li r-rikorrent ma jistax validament jippretendi li bis-semplici dikjarazzjoni tieghu jxejjen is-sahha procedurali tar-riferta u l-inkonsistenzi senjalati minnu fix-xhieda tal-

marixxalli ma jbiddlux ir-realta` tal-fatt li huma marru fil-post fejn sehhet in-notifika lilu. Fir-rigward ikompli jissottometti:

> "Imma anke kieku stess, l-individwazzjoni ta' certu divergenzi testimonjali ma jikkostitwixxux wahedhom prova tal-inkorrettezza tar-riferta. Biex iwaqqa' r-riferta l-appellant kien jentieglu jaghmel sforzi akbar minn hekk. …….. L-appellati ma kellhomx ghalfejn joghqodu jippruvaw in-notifika ghaliex il-prezenza tar-riferta fl-att kriminali kienet prova minnha nfisha. Min-naha l-ohra kien jinkombi fuq l-appellant li jipprova li dik ir-riferta kienet tghid il-falz. Fuq dan il-punt mhux sufficjenti ghall-appellant li li jghid li hemm ix-xhieda tieghu li tikkontrasta dak li hemm imnizzel fir-riferta, jew li huwa dejjem gharraf lill-avukati tieghu kull meta rcieva xi att gudizzjarju u pprezenta l-affidavits tal-avukati tieghu u tal-carers tieghu biex jghidu dan. Bhalma lanqas ma hu bizzejjed li jindika certu lnezattezzi fix-xhieda tal-marixxalli. Biex l-appellant seta' validament jinnewtralizza r-riferta pozittiva huwa kien jehtieglu jipprova l-ezistenza ta' wahda minn dawn ic-cirkostanzl li gejjin:

- "Li fid-data ta' meta saret in-notifika huwa ma kienx fir-residenza tieghu; jew
- "Li l-marixxalli ma marrux fir-residenza tieghu; jew
- "Li d-deskrizzjoni tar-residenza fornita mill-marixxalli mhijiex korretta; jew
- "Li huwa ma kienx l-uniku ragel li jghix fir-residenza, b'dana li jekk il-marixxalli marru fil-post, seta' kien il-kaz li l-atti thlallew ma' ragel iehor li ghamilha tabirruhu li kien l-appellant; jew
- "Li n-numri tat-telefon u tal-mobile imsemmija mill-marixxall ma kinux tieghu; jew
- "Li l-marixxalli kienu qed jimxu bi hsieb hazin u li kellhom interess li fir-riferta jiddikjaraw il-falz;"

22. L-ebda wahda minn dawn is-sitwazzjonijiet ma giet konfermata mill-appellat u ghalhekk ghandu jibqa' applikabbli l-principju li r-riferta tgawdi minn prezunzjoni ta' validita` u li l-operat tal-marixxalli bhala

ufficjali tal-Qorti u ufficjali pubblici sar *rite et recte* skont ir-responsabbilitajiet li l-kariga taghhom iggib maghha.

23. Min-naha taghhom l-intimati l-ohra jissottomettu hekk. Fl-ewwel lok jissenjalaw li bhala regola din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux f'kazijiet eccezzjonali fejn jirrizulta li kien hemm zball manifest li ghandu jigi indirizzat sabiex parti ma ssofrix ingustizzja. Dan japplika aktar u aktar fil-kaz odjern fejn l-ewwel Qorti mhux biss semghet hi x-xhieda principali izda addirittura flimkien mal-partjiiet ghamlet access fuq il-post sabiex tkun f'pozizzjoni ahjar li tasal ghall-konkluzjoni tajba.

24. Ikomplu jispjegaw:

> "…… ir-ragunament tal-Ewwel Qorti huwa aktar minn logiku u fil-fatt, fil-qosor jista jinghad illi filwaqt illi x-xhieda taz-zewg marixxalli ma kenitx perfetta, kienet fl-ahhar minn l-ahhar kif irreteniet l-Ewwel Qorti, wahda ferm aktar kredibbli minn dik ta' l-appellant; anke peress illi filwaqt li l-verzjoni taghhom kienet korraborata bi provi ohra, u cioe' bin-notamenti taghhom li jinsabu ezebiti in atti stess, min-naha l-ohra, x-xhieda ta' l-appellanti, ma kellha konfort f'ebda prova ohra, peress illi l-affidavits pprezentati minnu ma jghidu assolutament xejn fuq din in-notifika partikolari. Il-fatt wahdu illi kemm ix-xhieda tieghu u cioe l-Avukati difensuri tieghu, fil-ukoll il-*carer* u l-*helper*, jixhdu illi huwa jiehu hsieb ta' kull notfika gidizzjarja li jircievi, bl-ebda mod ma tista tfisser illi f'dan il-kaz partikolari, huwa ma giex debitament notfikat. Kif ben tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti, min jallega jrid jipprova, u fl-umli fehma ta' l-appellati, l-appellant naqas milli jaghmel dan."

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

25. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li, il-bazi fattwali li fuqha r-rikorrent qed isostni l-kaz tieghu, mhijiex li sar zball da parti tieghu fis-

sens li, ghalkemm hu kien gie notifikat, nesa' li kien notifikat forsi minhabba xi kondizzjoni medika li jsofri minnha f'liema kaz setghu allura kienu applikabbli konsiderazzjonijiet li m'humiex applikabbli fil-kaz odjern.

26. Ghall-kuntrarju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qed jghid li mhu minnu xejn dak li hemm fir-riferta jigifieri li hu kien gie notifikat personalment u allura, mehud kont tal-fatt li fir-riferta ma jirrizulta xejn li ssostni din it-tezi tieghu, huwa addossa fuqu l-oneru tal-prova li n-notifika ma kienitx saret lilu jew minhabba zball da parti tal-Marixxall Grech li kienet il-persuna li kkonsenjat in-notifika jew addirittura ta' agir doluz da parti tal-istess marixxall. Dan l-ahhar punt qed jigi senjalat tenut kont ta' dak sottomess mir-rikorrent li, filwaqt li hu ma kellu ebda interess li ma jidhirx ghas-smigh tal-appell tieghu, il-marixxalli kellhom interess li jirregistraw ir-riferta bhala wahda pozittiva, stante li huma jithallsu ta' notifiki b'riferti pozittivi biss.

27. Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li matul id-depozizzjoni taghha l-Marixxall Grech ma gharfitx lir-rikorrent mija fil-mija bhala l-persuna li lilu tat kopja tal-avviz tas-smigh, jezistu elementi ta' prova bizzejjed sabiex isostnu l-verzjoni taghha li hi kienet effettwat in-notifika lir-rikorrent. Referenza fir-rigward qed issir ghas-segwenti fatturi principali: li jirrizulta pacifiku u wkoll konfermat waqt l-access li

ghamlet l-ewwel Qorti li l-post fejn skont il-marixxalli kien gie notifikat ir-rikorrent huwa l-post residenzjali tieghu, kif jidher ukoll mill-indirizz fuq il-kopja tal-avviz tas-smigh u li f'dak il-post jghixu biss hu u z-zewg helpers nisa; u li l-Marixxall Grech tikkonferma bil-gurament li n-notifika saret f'dak il-post lil ragel ta' certu eta` u li qallha li kien Edward Cassar u li wkoll taha n-numri tat-telephones tieghu.

28. Min-naha tieghu l-prova principali li ressaq ir-rikorrent biex isostni li hu qatt ma kien gie notifikat hija c-cahda kategorika da parti tieghu fil-Qorti. Il-kumplament tal-provi huma incidentali u ma jwasslu mkien. Hekk, per ezempju, l-allegazzjoni tieghu u tal-helpers tieghu u tal-avukati tieghu li dak kollu li hu solitament jircievi mill-Qorti jigi *scanned* u mibghut lill-avukati tieghu ma jdghajjifx il-verzjoni moghtija mill-Marixxall Grima stante li jista' jaghti l-kaz li fil-kaz ta' dik in-notifika partikolari r-rikorrent ma segwiex il-procedura li kien solitament isegwi. Jistghu wkoll jezistu kazijiet fejn ir-rikorrent deliberatament ma segwiex din il-procedura. Ghaldaqsant ix-xhieda tal-helpers u tal-avukati tar-rikorrent fir-rigward ma tistax tkun ta' konfort ghat-tezi tar-rikorrent, stante li dawk setghux jixhdu biss fuq il-kazijiet fejn ircevew l-atti minghand ir-rikorrent.

29. Fit-tielet lok, din il-Qorti tosserva li l-inkonsistenzi li fuqhom ir-rikorrenti ibbaza l-aggravju tieghu mhumiex determinanti ghal kaz tieghu. Hekk, per ezempju, kemm ghamlet passi l-marixxall meta dahlet

mill-grada principali sakemm iltaqghet mar-rikorrent huwa dettal li din il-Qorti kienet tkun sorpriza li kieku x-xhud tghid li ftakret bi precizjoni. Min-naha l-ohra dak li ghandu relevanza qawwija ghall-finijiet tal-kaz in kwistjoni huwa dak mistqarr mill-istess marixxall, jigifieri li hija kienet baqghet tiftakar l-ambjent tad-dar minhabba s-sbuhija tieghu u li dak il-post kien ir-residenza tar-rikorrent fejn hija tat l-avviz lil ragel ta' eta` mhux zghira u li dan min-naha tieghu kien taha n-numri tat-telephones tieghu, kemm tal-mobile kif ukoll tad-dar.

30. Dwar il-fatt tan-numri tat-telephones il-Marixxall Sandra Grech fuq domandi in kontro-ezami maghmula lilha tikkonferma li kien ir-rikorrent li kien taha dawn in-numri "dakinhar"[2]. Din il-prova ma ssibx kuntrast fil-provi, ghajr ghall-allegazzjoni tar-rikorrent li n-notifika ma saritx lilu. B'mod partikolari ma rrizultax li dawk in-numri moghtija lill-marixxall u li hi kienet kitbet fuq id-djarju tax-xoghol taghha li kienet izzomm, ma kienux tar-rikorrent. Fix-xhieda taghha tichad dak suggerit lilha mill-ewwel Qorti li dawk in-numri kienet sabithom minn xi website; tghid li dawk kien tahomlha r-ragel li laqa' n-notifika.

31. Fir-rigward ta' dawn in-numri din il-Qorti tinsab perplessa dwar il-mod kif ir-rikorrent irreagixxa ghal din il-prova tant importanti ghad-determinazzjoni ta' dan il-kaz. Ir-rikorrent fl-ebda stadju ma jichad li

[2] Fol. 58

dawk in-numri kienu ta’ telephones registrati fuq ismu u fis-sottomissjoni orali quddiem l-ewwel Qorti jasal biex jghid li dawn ma kienux fuq ir-riferta u jkompli jghid: *“…in all fairness lanqas nafu jekk dawk in-numri humiex tieghu jew le, jifigieri ma kellhix ghalfejn noqghod ingib prova biex ngheleb dawk.”* Fil-fehema tal-Qorti din il-konsiderazzjoni hekk sottomessa titfa’ dell ikrah fuq il- kredibilita` tar-rikorrent li qed jghid li ma jafx jekk dawk in-numri humiex tat-telephones tieghu jew le.

32. Ikompli jghid li, filwaqt li l-Marixxall nizlet in-numri tat-telephones li nghataw lilha mir-ragel li nnotifikat bl-avviz, hija naqset milli titolbu ghall-karta tal-identita` biex tassikura l-identita` tieghu. Il-marixxall spjegat li mhux soltu li titlob l-karta tal-identita` lil min tinnotifika bl-atti gudizzjarji u l-iskop li tiehu n-numri tat-telephones huwa sabiex tinforma lill-persuna koncernata jekk il-kaz ikun ser jigi differit u ghalhekk tevita li dik il-persuna tinqala’ ghal xejn.

33. Dwar id-dubju li skont ir-rikorrent kellha l-ewwel Qorti tant li din semmietu fis-sentenza appellata, din il-Qorti tosserva li mill-bran koncernat jirrizulta li dik il-Qorti kienet qed tibni l-argument taghha li, ghalkemm in-nuqqas da parti tal-Marixxall Sandra Grech li taghraf lir-rikorrent mija fil-mija jikkreja dubju, ix-xhieda taghha hija plawsibbli mehud kont tal-fatt li marixxalli jkollhom mijiet ta’ notifiki li jsiru specjalment bhal f’dan il-kaz meta dawn stqarru li dik kienet l-ewwel

darba li ghamlu notifika f'dak l-indirizz. Inoltre, l-ewwel Qorti semmiet u indikat diversi elementi ta' prova li fl-assjem taghhom wassluha ghall-konkluzjoni li taghti fidi lix-xhieda tal-marixxalli u mhux lil dik tar-rikorrent.

34. Fir-rikors tal-appell tieghu r-rikorrent b'tentattiv li jiddisredita l-kredibilita` tax-xhieda tal-marixxalli jghid li, *"filwaqt li l-Marixxall Sandra Grech tghid li l-Marixxall Raymond Schembri kien maghha l-hin kollu, fl-istess hin tistqarr li meta allegatament kkonsenjat l-avviz tas-smigh, il-marixxall l-iehor baqa' fil-karrozza."*[3] Dwar dan din il-Qorti tosserva li d-depozizzjoni ta' xhud ghandha tittqies fl-assjem kollu taghha. Fil-kaz odjern huwa minnu li fuq mistoqsija tal-Qorti jekk il-Marixxall Raymond Scicluna kienx maghha l-hin kollu hija wiegbet "kien mieghi"[4], izda fl-istess nifs spjegat li hu kien fil-karrozza li kienet ipparkjata quddiem il-grada tar-residenza tar-rikorrent. Kien f'dan is-sens li l-Marixxall Grech qalet li l-Marixxall Schembri kien maghha. Mill-kumplament tax-xiehda taghha u dik tal-Marixxall Schembri jirrizulta manifest li meta l-Marixxall Grech kienet qed tinnotifika lir-rikorrent, huwa kien fil-karrozza u ma nizilx maghha.

35. Dwar il-fatt li fix-xiehda tieghu l-Marixxall Schembri jghid li l-post fejn marru kien il-Bidnija filwaqt li rrizulta li kien il-Wardija, dan ma

[3] Fol. 11 Rikors Appell
[4] Fol. 49

jimminax il-fatt sodisfacentement provat li r-residenza fejn marru kienet fil-Wardija. Dan irrizulta pacifiku anke meta sar l-access fuq il-post.

36. Punt iehor sollevat mir-rikorrenti fir-rikors tieghu huwa li, skont l-istess rikorrenti, *"Raymond Schembri jistqarr bil-gurament tieghu li l-persuna li allegatament giet notifikata harget barra mill-gate u l-allegat notifika saret barra mill-gate ossia fit-triq".* Din il-Qorti tosserva li ma jirrizultax li dan ix-xhud qal xi haga fis-sens li qed jghid ir-rikorrent. Fl-ewwel lok jigi osservat li fir-residenza in kwistjoni hemm zewg gradi, wahda ta' barra u wahda aktar 'il gewwa li taghti ghall-ambjent residenzjali. Fit-tieni lok minn qari tad-depozizzjoni ta' dan ix-xhud jirrizulta car li dan ma kien jiftakar xejn dwar id-dettalji li kienu qed jigu suggeriti lilu u dana qalu espressament f'diversi mumenti tad-depozizzjoni tieghu. Ghalhekk ix-xhieda moghtija minnu in kontro-ezami ftit li xejn jista' jkollha valur probatorju. Fir-rigward jirrizulta li dan ix-xhud fuq mistoqsija tad-difensur tar-rikorrent jekk hu kienx ra lil Marixxall Grech tkellem lil xi hadd *"fil-kancell ta' barra ta' mit-triq"*[5], ix-xhud wiegeb *"Jista' jkun naqra aktar 'il barra issa qed nghidlek ma nafx ezatt ezatt."* Ippressat mid-difensur fejn kien ra lil Marixxall Grech tkellem lil xi hadd, ix-xhud jghid *"Ma niftakarx Dott ezatt".* Din il-Qorti tifhem u taccetta bhala verosimili li marixxall, li ma jkunx jaf li erba' xhur wara li jkun qassam notifika jew assista lil marixxall iehor fit-tqassim tan-

[5] Fol.69

notifika, ser jittella' jixhed fuq dik in-notifika, ma jkunx preciz dwar xi dettalji fix-xhieda tieghu.

37. Ferm il-premess din il-Qorti hi tal-fehema li ma jistax validament jinghad li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti li kellha quddiemha; fil-fehma ta' din il-Qorti hemm provi bizzejjed sabiex l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li wasslet ghaliha, jigifieri li r-rikorrent ma rnexxielux jeghleb il-prezunjoni tal-validita` tan-notifika.

38. Fl-ahharnett huwa opportun li jigi affermat, in vista ta' dak sottomess mir-rikorrent dwar il-grad ta' prova rikjest f'dan il-kaz, li ghalkemm ir-riferta de quo tirreferi ghal procedura kriminali, il-proceduri odjerni huma ta' natura kostituzzjonali u l-prova rikjesta mil-ligi dwar il-validita` tar-riferta hija dik rikjesta fil-kamp civili u mhux grad ta' prova rikjest fil-kamp penali. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-prezunzjoni ta' validita` li tgawdi riferta mnizzla fil-forma li trid il-ligi.

39. Rigward il-kazijiet tal-Qorti Ewropea indikati mir-rikorrenti, il-Qorti tosserva li skont ir-rikorrenti f'dawn il-kazijiet kien instab ksur tad-dritt ghal smigh xieraq stante li kien gie ravvizat "dubju serju" jekk l-akkuzat kienx notifikat jew le bid-data tas-smigh. Ghal kuntrarju, fil-kaz odjern

dan id-dubju serju ma jezistix u dak li irrizulta hu li r-rikorrent ma ressaqx provi bizzejjed biex isostni t-tezi tieghu.

40. Ghaldaqstant l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

Silvio Camilleri
Prim Imhallef

Giannino Caruana Demajo
Imhallef

Noel Cuschieri
Imhallef

Deputat Registratur
df